MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1059/2005

**Avukat Dottor David TONNA bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' estera Nike International Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Richard Sladden u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'Degriet tal-25 ta' Novembru, 2005, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' Mar-Tob Negoce SARL Casablanca Marocco**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Novembru, 2005, li bih l-attur *nomine* ippremetta;

Illi s-soċjeta' attriċi Nike International Limited ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv magħruf

bħala "*Swoosh Design*", liema markji huma wżati mis-soċjeta' attriċi fuq diversi prodotti manifatturati minnha bħal abbiljamenti tal-ħwejjeġ, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B", "C" u "D";

Illi s-soċjeta' attriċi hija detentriċi tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji "NIKE" u "*Swoosh Design*" fil-komplessita' tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark No.* 17123 (kif muri f'Dok. "A"), u *Trademark No.* 17125 (kif muri f'Dok. "B"), kif ukoll minħabba l-fatt illi s-soċjeta' attriċi għandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xogħol artistiku "*Swoosh Design*" u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta, liema markju "*Swoosh Design*" huwa wkoll irreġistrat bħala *Trademark* Komunitarja mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbażat f'Alicante, Spanja) taħt Numru 000277632 ("*Swoosh Design" – "outline form*") (kif muri f'Dok. "C") u Numru 000277517 ("*Swoosh Design" – "solid form*") (kif muri f'Dok. "D");

Illi jirriżulta illi fis-7 ta' Ottubru 2005 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM BELLINI", u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' żraben sportivi li jġibu l-markju "NIKE" u l-markju distintiv "*Swoosh Design*" fuq imsemmija, liema konsenja tikkonsisti f'ħamest elef u sittin (5,060) par, b'Container Numru ECMU1487903 u li ma humiex ġenwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GZ2124674 jirriżulta li l-konsenjatarji taż-żraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bħala Mar-Tob Negoce SARL Casablanca Morocco, mentri jirriżulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Shenzhen Shengmaofa Import & Export Co., Ltd;

Illi d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal-ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen

ħieles ta' oġġetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dawn iż-żraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur tagħha huma rreġistrati l-markju "NIKE" u l-markju distintiv magħruf bħala "Swoosh Design", u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414 kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tieħu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu ċerti drittijiet ta' proprjeta' intelletwali u l-miżuri li jridu jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analiżi li għamlet rappreżentanta tas-soċjeta' estera Nike Italy SRL għas-soċjeta' attriċi (ara rapport tal-analiżi mmarkat bħala Dok. "E");

Illi din il-konsenja ta' żraben sportivi bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur wara li ġew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bħala Dok. "H");

Għaldaqstant l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija (skond l-Artikolu 2 (1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa

żona ħielsa jew maħżen ħieles ta’ din il-konsenja ta’ żraben sportivi li tikkonsisti f’ħamest elef u sittin (5,060) par da parti tas-soċjeta’ konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta’ attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-soċjeta’ attriċi in kwantu li ma humiex ġenwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)) u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* reġistrati f’isem is-soċjeta’ attriċi bin-Numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-soċjeta’ attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha “*Swoosh Design*”;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ żraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* reġistrati f’isem is-soċjeta’ attriċi bin-Numri 17123 u 17125 fir-Reġistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-reġistrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000277632 (“*Swoosh Design” – “outline form*”) u Numru 000277517 (“*Swoosh Design*” – “*solid form*”) reġistrati f’isem is-soċjeta’ attriċi (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Diċembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-soċjeta’ attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha “*Swoosh Design*”;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjeta’ attriċi a bażi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruġġu iż-żraben sportivi in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjeż tas-soċjeta’ konvenuta, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju ieħor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intelletwali (Miżuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Liġijiet ta’ Malta u/jew

skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-soċjeta' attriċi;

6. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas l-ispejjeż kollha fir-rigward tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni taż-żraben sportivi in kwistjoni u l-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*, flimkien mat-tmin (8) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-31 ta' Jannar, 2006, li biha l-Kuraturi Deputati eċċepew;

1. Illi preliminarjament, l-eċċipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mas-soċjeta' konvenuta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li jrid jiġi ppruvat illi l-affarijiet kollha u mhux biss "sample" indikati fiċ-ċitazzjoni attriċi huma foloz;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kuraturi Deputati;

Semgħet ix-xhieda tal-attur *nomine*;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Frar, 2006, u b'mod partikolari t-talba tal-Kuraturi Deputati biex il-Qorti taħtar perit tekniku biex jikkonstata dwar l-allegata falsita' tal-oġġetti maqbuda;

Rat id-degriet kamerali tagħha tad-9 ta' Frar, 2006[1], li bih ipprovdiet dwar it-talba tal-Kuraturi Deputati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tallum li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li kunsinna ta' żraben sportivi li ddaħħlet fil-Port Ħieles ta' Malta fis-sebgħa (7) ta' Ottubru, 2005, abbord il-bastiment *MV CMA-CGM BELLINI* kienet falza u għalhekk qegħda titlob il-qerda tagħha;

Illi, min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati mħarrkin qegħdin jgħidu li ma jistgħux imieru lill-kumpannija attriċi għaliex ma jafu xejn fuq il-fatti;

Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-Att tal-2000 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)[2] (Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta), b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-istess Att;

Illi mill-provi, kemm dokumentali u kif ukoll orali, mressqa mill-attur *nomine* jirriżulta li sa minn Frar tal-1986, żraben sportivi u aċċessorji oħrajn bil-marka "*Nike*" kienu reġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali f'Malta[3] bħala marka kummerċjali (*trademark*), u għalhekk imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 29 tal-Liġijiet ta' Malta (illum il-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta). L-istess isem u disinn ("*swoosh design*") huma mħarsin ukoll bir-reġistrazzjoni xierqa fir-Reġistru Kommunitarju tal-Marki tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropeja[4]. It-titolari tal-jedd imħares hija l-kumpannija attriċi barranija Nike International Limited;

---

[1] Paġġ. 85-7 tal-proċess
[2] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Marki numri 17123 u 17125, Dokti "A" u "B", f'paġġ. 10-1 tal-proċess
[4] Dokti "Ċ" u "D", f'paġġ. 12 sa 19 tal-proċess

Illi jirriżulta[5] li nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru, 2005, il-bastiment *MV CMA-CGM BELLINI* daħal fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk, mgħobbi b'għadd ta' *containers*. Wieħed minn dawn il-*containers* (numru ECMU 1487903) kellu dikjarazzjoni li l-konsenja kienet ta' żraben. Din kienet magħmula fuq il-polza ta' tagħbija[6], li kienet tgħid li l-kumpannija mħarrka kienet il-kunsinnatarja tal-merkanzija mertu tal-każ. Il-bastiment kien salpa minn port fiċ-Ċina u l-*container* kien destinat għall-Marokk, b'sistema ta' ġarr bi trasbord;

Illi mad-dħul f'Malta tal-imsemmi *container*, id-dipartiment tad-Dwana qegħditu taħt stħarriġ magħruf bħala *risk analysis*. Minbarra dan, il-*container* infetaħ fil-21 ta' Ottubru, 2005, fil-preżenza ta' fizzjali tad-Dwana u ta' rappreżentant tal-aġent tal-bastiment. Tbattal kollu u nstab li kien hemm ħamest elef u sittin (5,060) par żraben sportivi. Tqanqal is-suspett li dawk iż-żraben, għalkemm jidhru li kienu tal-marka *Nike*, kienu foloz. Dan għaliex il-mod kif kienu stivati kien jagħti 'l wieħed x'jifhem li ma kinux prodotti ġenwini. Intrefa' kampjun u l-*container* raġa' ġie siġillat u ttieħed f'maħżen tad-Dwana;

Illi d-Dipartiment kiteb minnufih lill-attur *nomine* biex jgħarrfu bis-sejba. L-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-imsemmi *container*[7]**.** Il-Kontrollur laqa' t-talba wara li ntwera d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpannija attriċi dwar il-jeddijiet tagħha u l-interess tagħha li tressaq l-ilment dwar il-konsenja mniżżla l-art;

Illi, minbarra dan, l-attur *nomine* bagħat kampjun ta' żraben milli kienu fl-imsemmi *container* lil-laboratorji tal-kumpannija attriċi, biex teżaminahom. Din bagħtet rapport lill-attur *nomine* ftit jiem wara[8]**.** Minn dan ir-rapport joħorġu għadd ta' differenzi bejn żraben ġenwini magħmulin mill-kumpannija attriċi u ż-żraben li kienu jimlew il-*container* in kwestjoni;

---

[5] Affidavit ta' George Aġius 7.10.2005, f'paġ. 79 tal-proċess
[6] TJN120837
[7] Dok "Ħ", f'paġ. 28-9 tal-proċess
[8] Dok "E" u "AC1" datati 6 ta' Ġunju, 2005, f'paġġ. 20 u 76 tal-proċess

Illi l-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża fl-4 ta' Novembru, 2005, u jirriżulta li l-kontenut tal-*container* kien għadu miżmum taħt is-setgħat tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-kumpannija mħarrka ma meriet xejn mill-provi mressqa mill-kumpannija attriċi. Il-Qorti tifhem li kien il-Kontrollur tad-Dwana nnifsu li għarraf lill-kumpannija attriċi bl-isem tal-kumpannija mħarrka[9]. Il-Kuraturi maħtura biex jidhru għaliha ma ngħataw l-ebda tagħrif dwar x'kellhom jagħmlu dwar ix-xiljiet imressqa mill-kumpannija attriċi, u dan minħabba li l-kumpannija attriċi ma kellha l-ebda ħjiel ieħor dwar l-istess kumpannija mħarrka destinatarja[10];

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-Kuraturi Deputati, l-Qorti tqis li huwa minnu li r-regola hi li min jallega jrid iġib il-prova ta' dak li jallega[11]. Issa, billi f'każ bħal dan, ikun sar aċċertament mill-Awtoritajiet lokali kompetenti li l-oġġetti li jkun fil-"container" ikunu ta' kwalita' suspetta, jiġri li l-piż tal-prova li dawk l-oġġetti m'humiex foloz jew m'humiex kollha foloz jaqa' fuq min hekk jallega;

Illi, f'dan ir-rigward, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh in-natura partikolari tal-proċedura li taħtha tressqet din il-kawża. Din il-partikolarita' toħroġ ukoll mid-diżpożizzjonijiet speċjali tal-Liġi li tirregolaha. Dik il-liġi tippreżumi li l-oġġetti misjuba bħala ta' kwalita' suspetta huma hekk fil-fatt. Dik il-preżunzjoni tibqa' sakemm ma titwaqqax. Biex ma jsirx abbuż minn dik il-preżunzjoni, l-Liġi tipprovdi għal rimedji lill-ispedittriċi jew lill-konsenjatarja li tkun trid tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li jżomm il-merkanzija[12];

Illi l-prova ma ssirx biss bil-ħatra ta' periti tekniċi. Dik hija biss waħda mill-għamliet li bihom jistgħu jiġu stabbiliti l-fatti tal-kawża. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, il-Kuraturi Deputati ngħataw l-opportunita' li jirregolaw irwieħhom kif jidhrilhom xieraq dwar il-mod li jressqu l-

[9] Art. 7(2) tal-Kap 414
[10] Affidavit ta' Dr. A. Camilleri 6.10.2005, f'paġ. 75 tal-proċess
[11] Art. 562 tal-Kap. 12
[12] Art. 10, Kap. 414

provi. Iżda din il-Qorti, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadha kemm għamlet, ma kenitx lesta li tgħabbi lill-atturi wkoll bl-ispejjeż ta' perizja, biex imbagħad id-ditta konvenuta tonqos li tressaq xi forma ta' prova jew li, jekk ikun il-każ, tiggarantixxi li l-ispejjeż minfuqa tagħmel tajjeb għalihom;

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-kuraturi deputati ma tistax tintlaqa';

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a. il-kumpannija attriċi hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu. Minbarra f'dan, intwera b'mod xieraq u biżżejjed li l-kumpannija attriċi tgawdi ħarsien dwar il-marki tal-kummerċ imsemmija wkoll fuq livell ta' dritt ewropew. Bis-saħħa tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija marki fir-Reġistru tal-Marki tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropeja, jidħol fis-seħħ it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 40/94 tal-20 ta' Diċembru, 1993, u Regolament 1383/03 tat-22 ta' Lulju, 2003. Dawn l-istrumenti legali llum il-ġurnata jagħmlu parti mil-liġi tagħna b'effett dirett u, bis-saħħa ta' Avviż Legali[13], jagħtu lil din il-Qorti s-setgħa li tqis u tisma' talbiet bħal dawk magħmulin mill-kumpannija attriċi;

b. illi ż-żraben imniżżla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attriċi u lanqas jidher li ġew manufatturati bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dħul tal-imsemmija żraben, imqar jekk fl-ambitu tal-Port Ħieles, huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attriċi;

d. jidher li l-kumpannija attriċi wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

---

[13] A.L. 233 tal-2003

e. jidher ukoll li l-kumpannija ressqet il-garanzija meħtieġa biex tingħata widen għat-talba tagħha li ż-żraben jinżammu mill-Kontrollur skond l-artikolu 5(12) tal-Att;

f. illi l-kampjuni mogħtijin lill-kumpannija attriċi u minnha mibgħuta barra minn Malta għall-eżamijiet meħtieġa huwa proċess maħsub mil-liġi[14] u kien ta' għajnuna kbira biex il-kumpannija attriċi setgħet bdiet il-proċeduri xierqa fl-iqsar żmien, u biex jiġi determinat li ż-żraben kienu tassew foloz;

g. it-talba tal-kumpannija attriċi biex il-konsenja ta' żraben in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[15] taħseb għalihom dwar id-dħul f'Malta ta' ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

h. il-falsita' tal-imsemmija żraben tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija attriċi kellha raġun temmen li ż-żraben u s-sandlijiet li ddaħħlu f'Malta fis-7 ta' Ottubru, 2005, kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u wkoll dawk tal-Unjoni Ewropeja, u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

[14] Art. 7(3) tal-Kap 414
[15] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kunsinna ta' żraben sportivi mniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *CMA-CGM BELLINI* ġo *container* bin-numru ECMU1487903 fiS-7 ta' Ottubru, 2005, kienu foloz għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u tiddikjara li l-manufattura u l-produzzjoni u d-dħul f'Malta tal-imsemmija żraben sportivi tikser il-jeddijiet tal-kumpannija attriċi bħala s-sid reġistrat tal-marka *Nike* li jifforma parti mit-*Trademark* 17123, u 17125 reġistrati u b'hekk magħrufa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll tas-sinjal distintiv "*Swoosh Design*" kif magħruf u mħares mir-Reġistru tat-*Trademarks* komunitarji 277517 u 277632; u tiddikjara wkoll li d-dħul f'Malta tal-imsemmija konsenja ta' ħamest elef u sittin (5,060) par żarbun sportivi foloz jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-kunsinna taż-żraben sportivi foloz fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku tal-kumpannija attriċi, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġarr u l-ħażna tal-imsemmija żraben sportivi mid-Dipartiment tad-Dwana;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda taż-żraben sportivi u sandlijiet titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza, jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin Kuraturi Deputati *nomine* jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża kif mitluba mill-attur *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------